# IL-HAJJA (I)

*Min qal li l-ħajja ħolma*
*kollha tlellix u lwien.*
*Min qal li hi kummiedja*
*biex niddieħku b'xulxin ma' tul iż-żmien.*

*Min qal li l-ħrajja ħrafa*
*imżewqa b'ferħ u hemm.*
*Min qal li hi traġedja*
*mitmuma ħesrem biċ-ċarċir tad-demm.*

*Min qal li l-ħajja ħondoq*
*li jaqta' nifs kulħadd.*
*Min qal li l-ħajja baħar*
*fejn titbaħbaħ fil-wisa' nies bla għadd.*

*Min qal li ħdan il-ħajja*
*artab u mieles rix.*
*Min sabu iebes ħatab,*
*kollu għoqod u ngiegeż u tikmix.*

*Min qal li l-ħajja Ġenna.*
*Min qal li qisha Infern.*
*Min sabha Purgatorju.*
To me it's Smoke with Light or Fire in turn.

11.iv.62 K. VASSALLO

## IL-ĦAJJA (II)

*Il-ħajja moxa u mergħa*
*fejn jitħarrġu għall-ġiri dwieb u żwiemel,*
*jirgħaw biex jismnu baqar u għoġiela,*
*jagħtu biż-żewġ, jinħqu u joqomsu l-ħmir.*

*Il-ħajja ġnien bil-fjuri*
*fejn iżanżan in-naħal li jħobb l-għasel,*
*iliegħeb il-bebbux maz-zkuk u l-ġebel,*
*iħuf id-dud u friefet ħfief ittir.*

*Il-ħajja nħasa kbira*
*tagħli, tbaqbaq u tfawwar b'min iħobb,*
*b'min jobgħod, b'min isewwi u b'min iħarbat,*
*b'min ibierek, b'min jisħet dak li jsir.*

*Il-ħajja pont li jgħaqqad*
*in-nieqa mat-tebut, mal-bidu t-tmiem,*
*mat-tmiem il-bidu ta' ħajja oħra ġdida*
*li ż-Żmien ma jkiddha u lanqas it-Taħsir.*

11.iv.62 K. VASSALLO